MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 600/2005

**Where's Everybody? u b'digriet tat-Tribunal tat-12 ta' Mejju, 2005 l-isem ghandu jigi sostitwit bil-kliem "Jean Paul Mifsud (I.D. No. 275574 M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' Where's Everybody?"**

**Vs**

**Karl Azzopardi ezercenti l-kummerc taht l-isem Fantasy Tours**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf erba' mija u sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,486.95c) rapprezentanti reklami illi saru fuq il-gazzetta *Fuq ix-Xarabank* bejn is-7 ta' Lulju u s-27 t'Ottubru, 2003 u dana fuq inkarigu u a beneficcju tal-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf erba' mija u sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,486.95c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------